

Brussell, 22 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15399/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072(COD)**

**AVIATION 152
CONSOM 321
CODEC 2065**

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru. dok. preċ.: WK 13861/24 REV1

Nru dok. Cion: 07615/13

Suġġett: Drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru
– Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fil-laqgħa tal-Kunsill (Trasport) tal-5 ta' Diċembru 2024, il-Ministri ser jiġu mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u mistoqsijiet (fl-anness) biex tgħin fl-istrutturar tad-diskussjoni.
2. Soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Ministri huma mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tad-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet fl-Anness.

DRITTIJET TAL-PASSIĠĠIERI TAL-AJRU - DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI

1. Introduzzjoni

Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru huma speċifikati fatti leġislattivi differenti tal-UE. Barra minn hekk, fl-2023, il-Kummissjoni għamlet żewġ proposti addizzjonali li ser japplikaw ukoll għall-passiġġieri tal-ajru. Il-qafas legali tal-UE għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, kif imsemmi fl-Addendum, huwa kumpless, u jagħmilha diffiċli li jiġi interpretat u implimentat b'mod effettiv.

F'bosta okkażjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) intalbet mill-qrati nazzjonali biex tiċċara ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Il-Kummissjoni taġġorna regolarment ħarsa ġenerali tematika lejn is-sentenzi rilevanti fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Il-verżjoni ta' Marzu 2022 tas-Sommarju tas-sentenzi l-aktar rilevanti tal-QĠUE fiha 86 deċiżjoni u l-QĠUE stess ħarġet fuljett li jiġbor fil-qosor xi wħud mid-deċiżjonijiet tagħha li jinterpretaw dispożizzjonijiet differenti tar-regolamenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru.

Għandu jiġi nnutat, f'xi wħud mis-sentenzi tagħha, il-QĠUE tbiegħdet mill-intenzjoni oriġinali tal-leġislaturi (jiġifieri kumpens f'każ ta' dewmien twil, l-interpretazzjoni ta' ċirkostanzi straordinari).

Minħabba d-diffikultajiet fl-interpretazzjoni tar-regolamenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida interpretattivi (ara l-Addendum).

F'Marzu 2013, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 2027/97¹. L-oġġettivi tal-proposta huma li jiġi żgurat li t-trasportaturi tal-ajru jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni għall-passiġġieri tal-ajru matul tfixkil fl-ivvjaġġar, filwaqt li jiġi żgurat il-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi tal-passiġġieri u l-industrija. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni pproponiet li tiċċara l-oqsma ambigwi u tagħlaq il-lakuni, tissimplifika t-trattament tal-ilmenti, tikkoordina aħjar il-politiki ta' infurzar u tiżgura kost finanzjarju realistiku għal-linji tal-ajru.

Il-Parlament Ewropew lesta l-ewwel qari tiegħu fi Frar 2014.

Fil-Kunsill, il-Presidenzi LT, EL u LV għamlu progress sinifikanti qabel ma l-fajl waqaf fl-2015 minħabba konsiderazzjonijiet mhux relatati mal-fajl. Il-Presidenza FI reġgħet bdiet taħdem fuq il-fajl fl-2019 u l-presidenza HR kienet fi triqitha lejn approċċ ġenerali possibbli f'Ġunju 2020 meta l-progress ġie mfixkel mill-kriżi tal-COVID-19.

2. Kwistjonijiet identifikati fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Studju li tqabba mill-Kummissjoni fl-2018 u ppubblikat fl-2020² identifika n-nuqqasijiet li ġejjin u appoġġa t-tnedija mill-ġdid tad-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2013:

a. Mill-perspettiva tal-passiġġieri

¹ ST 7615/13

² [Study on the current level of protection of air passenger rights in the EU \(Studju dwar il-livell attwali tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru fl-UE\) - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 huwa diffiċli biex jinftiehem u jiġi interpretat, u l-ġurisprudenza relatata żiedet il-kumplessità tiegħu. B'mod ġenerali, il-passiġġieri jistennaw sistema sempliċi li tiżgura eżiti ġusti. Minflok, qegħdin jesperjenzaw sistema kumplessa bi trasparenza limitata. Barra minn hekk, lakuni fil-qafas legali attwali, bħan-nuqqas ta' skadenzi għall-kumpens, jagħmluha diffiċli għall-passiġġieri biex jasserixxu d-drittijiet tagħhom.

Ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru huwa komplementari għal atti leġislattivi oħra tal-UE (pereżempju d-Direttiva dwar il-Pakketti tal-Ivvjaġġar (PTD)). Barra minn hekk, l-interazzjoni bejn is-sistema ta' rimedju ddedikata għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru (eż. talbiet inizjali għal kumpens lil-linji tal-ajru, imbagħad ilmenti lil Korpi Nazzjonali tal-Infurzar (NEBs) meta t-talba inizjali ma tkunx ġiet indirizzata) u l-ġhodod ta' infurzar privati disponibbli b'mod aktar wiesa' (Mekkaniżmi ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwima (ADR), qrati), flimkien mal-involvement tal-aġenziji responsabbli għall-ilmenti³, toħloq kumplessità addizzjonali u tista' tiġġenera dewmien u kostijiet addizzjonali. Għadd ta' prattiki użati mill-aġenziji responsabbli għall-ilmenti ġew enfasizzati bħala problematiċi mill-NEBs u mir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati.

Barra minn hekk, id-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabilità jeħtieġ li jittejbu. Il-kumpens għal tagħmir tal-mobbiltà li ssirlu ħsara jew jintilef bħalissa huwa rregolat mill-Konvenzjoni ta' Montreal u r-Regolament (KE) Nru 889/2002. Il-limitu massimu attwali tal-ammont massimu ta' kumpens (attwalment madwar EUR 1400) spiss jipprevjeni lill-passiġġieri b'diżabilità milli jirċievu kumpens sħiħ minn linja tal-ajru jekk it-tagħmir ta' mobbiltà tagħhom li jqum ħafna flus u spiss ikun magħmul apposta jintilef jew issirlu ħsara. Fil-każ ta' modi oħra ta' trasport (bil-ferrovija, bix-xarabank u fuq l-ilma) dawn diġà huma intitolati għal kumpens sħiħ. Il-proposta tal-2013 tinkludi emenda tar-Regolament (KE) Nru 2027/97, inkluż it-titolu modifikat tiegħu.

b. Mill-perspettiva tar-regolaturi u l-infurzaturi

Jeżistu differenzi sinifikanti fl-Istati Membri kollha, kemm mil-lat tat-trattament tal-ilmenti mill-NEBs, kif ukoll tas-setgħat ta' infurzar li għandhom l-NEBs. Dawk id-differenzi fis-setgħat kif ukoll in-natura vinkolanti/mhux vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-NEBs u s-setgħat ta' sanzjonar qed jirriżultaw f'differenzi fit-trattament għall-passiġġieri madwar l-UE u f'distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għal-linji tal-ajru. Matul is-snin ġiet osservata żieda sostanzjali fl-għadd ta' lmenti riċevuti skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004, li tista' tirriżulta f'dewmien fit-trattament tal-ilmenti u/jew f'nuqqas ta' infurzar sistematiku mill-NEBs.

Id-diffikultajiet fl-infurzar jistgħu jkunu riżultat ta' formulazzjoni li tippermetti valutazzjoni każ b'każ (eż. ridirezzjonar tar-rotta taħt "kundizzjonijiet tat-trasport paragunabbli" "mal-ewwel opportunità") li toħloq interpretazzjonijiet differenti ta' x'jikkostitwixxi ksur tar-Regolament (KE) Nru 261/2004. In-nuqqas ta' definizzjoni u d-differenzi fil-valutazzjoni ta' ċirkostanzi straordinari mill-NEBs huwa sors addizzjonali ta' differenzi fit-trattament tal-passiġġieri madwar l-UE u ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għal-linji tal-ajru. Barra minn hekk, ċerti aspetti tar-Regolament għandhom diffiċli għall-NEBs biex jivvalutawhom ex post (eż. ir-rekwiżit li jintalbu voluntiera għal imbark miċħud).

Għandu jiġi nnutat li r-Regolament il-ġdid tal-UE dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (CPC) li daħal fis-seħħ fl-2020, wara li twettaq l-istudju, jagħti setgħat ta' infurzar aktar b'saħħithom lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur.

³ Negożju li joffri servizzi ta' ġestjoni ta' talbiet għal kumpens skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004.

c. Mill-perspettiva tal-industrija

Il-kostijiet imġarrba mil-linji tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 żdiedu b'mod sinifikanti, u qabżu, fil-każ tat-trasportaturi bi prezz baxx, il-kost tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u distribuzzjoni fil-bażi tal-kost tal-linji tal-ajru. Il-kost għal kull passiġġier milqut minn tfixkil tant huwa għoli li jista' fil-fatt jiġġenera diżinċentivi għal-linji tal-ajru biex joperaw titjiriet b'dewmien serju u jġarrbu kostijiet operatorji minbarra l-kostijiet ta' interruzzjoni.

Barra minn hekk, id-dritt għal rimedju definit fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 mhuwiex effettiv u hemm ħafna każijiet fejn il-linji tal-ajru ma jkunux jistgħu jirkupraw il-kostijiet imġarrba fl-għoti ta' assistenza u kumpens lill-passiġġieri għal tfixkil iġġenerat minn partijiet terzi (bħal Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru, fornituri ta' servizzi fuq l-art, ajruporti u partijiet oħra). Fejn possibbli, il-linji tal-ajru jippruvaw jgħaddu ż-żidiet fil-kostijiet lill-klijenti permezz ta' żieda fin-nollijiet tal-ajru. Meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet kompetittivi, dawk il-kostijiet ikollhom impatt fuq il-profittabbiltà u jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis aktar fit-tul fil-konnettività.

Hemm ċerti lakuni bejn il-qafas leġiżlattiv tal-UE u l-Prinċipji Fundamentali tal-ICAO (eż. dwar li l-passiġġieri jinżammu infurmati matul il-vjaġġ tagħhom). F'pajjiżi mhux tal-UE, l-approċċ għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru jista' jkun regolatorju jew volontarju. Tipikament, ir-reġimi regolatorji u volontarji t-tnejn jirrikonoxxu obbligu ta' ridirezzjonar tar-rotta/rimborż. Din is-sitwazzjoni tiġġenera distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u differenzi fit-trattament tal-passiġġieri skont ir-rotta u t-trasportatur tal-ajru.

3. Rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri

a. Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri: Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE huma komprensivi, iżda l-passiġġieri għad iridu jitħabtu biex jiksbumhom (30/2018)

Problemi fl-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri kif ukoll in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni tal-passiġġieri ġew enfasizzati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA): diversi rakkomandazzjonijiet tal-QEA (eż. dwar it-titjib tal-effettività tal-qafas tad-drittijiet tal-passiġġieri u dwar l-għoti ta' aktar setgħat lill-NEBs) jappoġġaw miżuri ta' appoġġ li ġew proposti mill-Kummissjoni fil-proposta tal-2013 jew li ġew indirizzati fil-proposti tal-2023, u li suppost itejbu u jiċċaraw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru.

b. Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-pandemija tal-COVID-19 (15/2021)

Il-kwistjonijiet identifikati mill-istudju tal-2018 marru għall-aġġornament u tfaċċaw kwistjonijiet ġodda matul il-pandemija tal-COVID-19.

Ir-Rapport Speċjali jindika li l-pandemija wriet b'mod ċar li l-passiġġieri tal-ajru ma kinux infurmati bis-sħiħ dwar id-drittijiet tagħhom.

Skont ir-Rapport Speċjali, il-pandemija wriet ukoll limitazzjonijiet għall-kapaċità tal-Istati Membri li jinfurkaw id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru hekk kif ħafna passiġġieri ma ġewx rimborżati fil-fażi inizjali tal-kriżi u ħafna oħrajn ma kellhom l-ebda għażla oħra ħlief li jaċċettaw vawċers. B'mod ġenerali, il-kapaċità tal-passiġġieri li jiżguraw rimborż baqgħet limitata kemm meta kienu involuti intermedjarji (eż. aġenziji tal-ivvjaġġar), kif ukoll meta ġew imposti vawċers fuq il-passiġġieri.

Skont ir-Rapport Speċjali, in-nuqqas ta' rekwiżiti ta' rapportar, pereżempju dwar l-għadd ta' passiġġieri li jitolbu flushom lura u dwar l-għadd ta' każijiet mhux solvuti fl-iskadenzi legali

madwar l-UE, huwa fih innifsu parti importanti mill-problema fl-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Dan ir-rapport jappoġġa wkoll il-miżuri li kienu proposti mill-Kummissjoni fil-proposta tal-2013 jew li ġew indirizzati fil-proposti tal-2023.

B'mod aktar ġenerali, il-pandemija tal-COVID-19 qajmet il-mistoqsija fost ir-regolaturi dwar jekk għandux jiġi adottat reġim speċifiku ta' responsabbiltà għal żminijiet ta' kriżi peress li r-regolamenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru ffukaw biss fuq il-kanċellazzjoni ta' titjiriet individwali iżda mhux fuq il-kanċellazzjoni fit-tul tat-titjiriet kollha jew tal-biċċa l-kbira minnhom.

4. Mistoqsijiet lid-delegazzjonijiet

Il-progress fin-negozjati dwar il-proposti tal-Kummissjoni tal-2023 dwar ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri jippreżenta opportunità siewja biex jittejbu u jiġu aġġornati r-regoli attwali dwar id-dritt tal-passiġġieri tal-ajru. Bil-ħsieb li tappoġġa dak il-proċess u minħabba l-kwistjonijiet pendent u l-kwistjonijiet deskritti hawn fuq, il-Preidenza tistenna b'interess li tirċievi gwida politika mill-Ministri dwar il-mistoqsijiet li ġejjin matul il-laqgħa tal-Kunsill Trasport fil-5 ta' Diċembru.

1. Taqblu dwar il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-qafas legali tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru biex tiġi żgurata l-protezzjoni uniformi tal-passiġġieri tal-ajru permezz ta' leġislazzjoni mhux ambigwa?
2. X'inhuma l-aktar kwistjonijiet importanti fir-regoli dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru li jeħtieġ li jiġu indirizzati?

QAFAS LEGALI GĦAD-DRITTJIET TAL-PASSIĠĠIERI TAL-AJRU**1. Regolamenti u Direttivi applikabbli għad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru**

- Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil fit-titjiriet⁴
- Ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi tal-ajru f'każ ta' incidenti⁵
- Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru⁶
- Id-Direttiva (UE) 2015/2302 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta⁷
- Id-Direttiva (UE) 2013/11/UE dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għat-tilwim tal-konsumaturi⁸
- Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2394 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi⁹

2. Ir-reviżjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-passiġġieri proposta mill-Kummissjoni

Fil-White Paper¹⁰ tagħha tal-2011, il-Kummissjoni stabbiliet bħala objettivi il-"għbir ta' prinċipji komuni applikabbli għad-drittijiet tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport (Karta tad-drittijiet bażiċi), partikolarment id-'dritt għall-informazzjoni', u tiċċara aktar id-drittijiet eżistenti. Fi stadju

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti, ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26/07/2006, p. 1.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, ĠU L 326, 11/12/2015, p. 1.

⁸ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi), ĠU L 165, 18/06/2013, p. 63.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) 2006/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 345, 27/12/2017, p. 1.

¹⁰ Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

aktar tard, il-kunsiderazzjoni tal-adozzjoni ta' Regolament qafas tal-UE li jkopri d-drittijiet tal-passiġġieri għall-modi kollha tat-trasport (Codex UE). "

Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 tiċċara l-prinċipji ewlenin bħad-dritt għal kumpens f'każ ta' dewmien twil, id-dritt għal kumpens f'każ ta' titjriet konnessi mitlufa, id-dritt għal akkomodazzjoni f'ċirkostanzi straordinarji, lista vinkolanti mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi straordinarji, il-projbizzjoni parzjali ta' politika dwar meta jitfaċċax passiġġier fir-rigward tal-biljetti tar-ritorn, l-ippjanar ta' kontinġenza għall-ajruporti b'aktar minn 3 miljun passiġġier, miżura li tiggarantixxi kumpens sħiħ għall-persuni b'diżabilità f'każ ta' telf tat-tagħmir tal-mobbiltà tagħhom jew meta ssirlu l-ħsara. Hija tipprova wkoll tiżgura sanzjonar konsistenti mill-NEBs permezz ta' koordinazzjoni u trattament effettiv ta' talbiet u lmenti individwali mit-trasportaturi tal-ajru. Hija tintroduċi l-possibbiltà li l-passiġġieri jirrikorru għal soluzzjoni għat-tilwim barra mill-Qorti u għandha l-għan li tinforza aħjar id-drittijiet tal-passiġġieri fir-rigward tal-immaniġġjar ħażin tal-bagalji.

Fl-istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelligenti¹¹ tagħha tal-2020, il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li "tittrasforma l-qafas legali tagħha biex tappoġġa servizzi ta' informazzjoni, ibbukkar u ħruġ ta' biljetti għall-ivvjaġġar multimodali, filwaqt li fl-istess ħin tħares lejn id-drittijiet u l-obbligi tal-intermedjarji online u tal-fornituri ta' servizzi diġitali multimodali li jbigħu servizzi ta' biljetti u/jew ta' mobbiltà".

F'konformità ma' dawk l-oġġettivi, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti fid-29 ta' Novembru 2023:

- Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 261/2004, (KE) Nru 1107/2006, (UE) Nru 1177/2010, (UE) Nru 181/2011 u (UE) 2021/782 fir-rigward tal-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni¹²
- Proposta għal Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tal-vjaġġi multimodali¹³

Dawk il-proposti jikkomplementaw il-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 rigward l-oqsma problematiċi li ġejjin:

- Ir-rimborż lill-passiġġieri tal-ajru fil-każ ta' prenotazzjonijiet permezz ta' bejjieġha intermedjarji tal-biljetti. L-oġġettiv huwa li tiġi żgurata proċedura ċara ta' rimborż għall-atturi kollha involuti (eż. it-trasportaturi, l-intermedjarji u l-passiġġieri).
- Infurzar insuffiċjenti tad-drittijiet tal-passiġġieri fil-modi kollha. L-oġġettiv huwa li jiġi żgurat infurzar effettiv u effiċjenti fl-Istati Membri kollha, u b'hekk l-NEBs ikollhom għodod aktar effettivi għall-monitoraġġ tal-konformità tal-operaturi mad-drittijiet tal-passiġġieri u biex jiġi żgurat trattament aktar effettiv tal-ilmenti tal-passiġġieri, filwaqt li jiġu pprovduti sistema rapida, ħafifa u aċċessibbli.
- Drittijiet tal-passiġġieri għall-vjaġġi multimodali.

3. Avviżi tal-Kummissjoni

- Il-Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza

¹¹ Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur.

¹² ST 16284/23

¹³ ST 16307/23

għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet u dwar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti tal-25 ta' Settembru 2024

- Il-Linji Gwida Interpretattivi rigward ir-regolamenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tas-sitwazzjoni li qed tiżviluppa b'rabta mal-COVID-19 tat-18 ta' Marzu 2020
- Il-Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru tal-4 ta' Ottubru 2024
- L-Avviż ta' Informazzjoni lill-Passiġġieri tal-Ajru dwar il-liġi rilevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kummerċjalizzazzjoni u l-protezzjoni tad-data applikabbli għall-attivitajiet tal-aġenziji responsabbli għall-ilmenti tad-9 ta' Marzu 2017.
